**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 8193/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Christopher Borg**

Illum 11 ta' Marzu 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat **Christopher Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 356075(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-11 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta ta' 08.30hrs ġewwa Triq il-Kosta, Naxxar saq il-vettura KCE 864:

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, involontarjament ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Daniela Caruso mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-

Artiklu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skont kif iċċertifika Dr. Sean Kelley MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi tnaqqas il-punti mil-liċenzji tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru 2024, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u lliberatu minn kull ħtija u piena.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fl-4 ta' Diċembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ssib lil Christopher Borg ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-11 ta' Novembru 2024.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw inċident stradali fejn fil-11 ta' Ottubru 2023 il-Pulizija ġew infurmati b'inċident li seħħ bejn vettura u mutur fl-akwati tas-Salini, limiti tan-Naxxar. Jirriżulta li l-parti leża ossia Daniela Caruso kienet qed issuq mutur u spiċċat sofriet ġrieħi ta' natura gravi u hija ttieħdet l-isptar għal kura

medika. Fil-verżjoni mogħtija minnha hija tgħid li kienet ġejja minn Kennedy Grove lejn San Ġwann meta kienet qed iddur mar-*roundabout* iżda ma tiftakar xejn aktar. Da parte tiegħu, l-appellat allura imputat ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti b'dan illi għal kull buon fini jingħad li mill-okkorrenza (*a fol.* 2 *et seq.*) jirriżulta li huwa spjega li kien sejjer lejn Baħar iċ-Ċagħaq meta kien għaddej fuq il-karreġġjata ta' barra u kif qabeż ir-*roundabout* ħass daqqa ġejja minn naħa ta' wara u ħass xi ħaġa titkaxkar fuq in-naħa tal-passiġġier. Jgħid li fi ftit sekondi ra l-mera tan-naħa tal-passiġġier taqa' mal-art, ħareġ mill-vettura u nnota persuna mal-art fejn hemm talab l-assistenza medika.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Manuel Xuereb** (Numru 10/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha – ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.
>
> Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell

> xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għal dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-aggravju mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu jirrigwarda prinċipalment li l-Ewwel Qorti, skont hu, għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. Jispjega li jekk wieħed jara l-provi wieħed ikun jista' jasal għad-dinamika tal-inċident. Jgħid li ma hemmx provi diretti ta' kif seħħ l-inċident u għalhekk il-provi huma ċirkostanzjali. Itenni li jekk wieħed jara l-provi jirriżultalu li l-kawża tal-inċident kienet ħtija tal-appellat. Jgħid li l-imputazzjoni in kwistjoni hija marbuta ma' Artikolu 226(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'riferenza għal Artikolu 225 tal-istess Kapitolu. Jispjega li l-appellat kellu l-obbligu li jżomm *a proper look out* u li kellu wkoll l-obbligu li jikkonferma l-pożizzjoni ta' kwalunkwe vettura oħra qabel ma' beda jdur mar-*roundabout*. Jgħid li l-appellat laqat il-mutur tal-parti leża bil-konsegwenza li kkagunalha feriti waqt li kieku żamm a *proper look out* kien ikun f'pożizzjoni jevita l-inċident. Filwaqt li l-appellant jagħmel riferenza estensiva għal ġurisprudenza huwa jikkonkludi r-Rikors tal-appell tiegħu billi jissottometti li l-apprezzament tal-provi u l-analiżi tal-fatti u tal-prinċipji legali tal-Ewwel Qorti kienu żbaljati. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u li l-appellat kellu jinstab ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.

Illi dwar dak imressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tinnota li hija fliet sew dak li jirriżulta mill-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti eżebiti. B'mod partikolari ssir riferenza għax-xiehda mogħtija mill-parti leża Daniela Caruso

quddiem l-Ewwel Qorti fejn mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tagħha jirriżulta hekk (*a fol.* 19 *et seq.*):

> "Xhud: It's motorino, yes the electric. The small one. The small one, the motorino. Yes, it's a motorino. Electric, electric. And going along Kennedy Drive. Then at the roundabout, I stopped just to check if vehicles was coming and I entered the roundabout. Unfortunately, I was going through towards Triq Salini San Gwann my intention, unfortunately, <u>I have no memory. What's happened after. The last memory that I have is that I entered the roundabout, then I got hit</u>.
>
> Qorti: So you do not know how accident happened?
>
> Xhud: <u>No, to be honest, no</u>. And there is no camera there.
>
> Qorti: So you don't hit you or didn't hit you?
>
> Xhud: <u>No, I have no idea</u>. Because I wake up at the hospital. The last memory that I have is that I entered the roundabout, then everything is black and I woke up at the hospital where I slept for three days I can I'm sorry." [emfażi miżjuda]

Illi minn dan t'hawn fuq jirriżulta ben ċar li l-parti leża ma tiftakarx kif seħħ l-inċident u lanqas tgħid li rat il-vettura tal-appellat. Tenut kont ta' dan din il-Qorti ma tistax tassumi hija x'ġara meta lanqas hemm xi ritratt tal-ħsara biex forsi tipprova tifhem id-dinamika tal-akkadut.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick**

**Gerada** (Numru 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "49. Biex dawn l-indizji, jew ċirkostanzi jassumu rilevanza penali, huma jridu jsegwu ċerti regoli speċifiċi. Allura jistgħu jinqraw flimkien ma' provi diretti u ċerti. Xi drabi jistgħu jkunu importanti daqs provi diretti. Iżda fl-assenza ta' provi diretti, ċari u ċerti, il-provi indizjarji ossija ċirkostanzjali jistgħu ukoll iwaslu għal sejbien ta' ħtija. Biex dan ikun jista' jseħħ, l-indizji jrid ikollhom dawn il-karatteristiċi, iġifieri jridu jkunu:
>
> (a) (Normalment, u għalhekk mhux dejjem, u dipendenti skont in-natura tal-indizju partikolari), iżjed minn indizju wieħed (indizji plurimi),
>
> (b) tali li jipperswadu b'mod konvinċenti u ma jkunux faċilment skreditabbli (indizji gravi),
>
> (ċ) ma jagħtux lok għal interpretazzjonijiet differenti (indizji preċiżi jew univoċi), u
>
> (d) jaqblu ma' xulxin b'mod li jikkonverġu fl-istess direzzjoni (indizji konkordanti)."

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** (Numru 179/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "13. Mill-premess, għalhekk, ma tirriżultax dik il-katina ta' ċirkostanzi univoċi li jista' jingħad li iżolatament jew komplessivament jorbtu lil xi ħadd mill-imputati inevitabilment u inekwivokabilment max-xena tad-delitt jew xort'oħra mal-kummissjoni tiegħu. Il-fatt li r-relazzonijiet bejn Booth u l-imputati setgħu ma kienux tajbin u li Booth kienet oġġezzjonat mal-awtoritajiet li jiġi sanzjonat xi bini fil-proprjeta' tal-imputat ma joħolqux

dik il-konkatenazzjoni meħtieġa sabiex inekwivokabilment jorbtu lill-imputati mal-kommissjoni tar-reat u ma humiex suffiċjenti sabiex jikkolmaw il-vojt fil-provi tal-prosekuzzjoni sabiex jiġġeneraw il-grad tal-prova oltre d-dubbju raġonevoli. In kwantu għall-evażivita' tal-imputat meta mistoqsi dwar il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u aspetti oħra tax-xiehda dawn jistgħu iwasslu sabiex l-imputat ma jingħatax affidament f'dawk l-aspetti tad-depożizzjoni tiegħu, u sabiex dawn jiġu skartati, iżda l-vojt fil-provi li jinħoloq b'dan il-mod ma jistax jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' provi da parti tal-prosekuzzjoni tal-ħtija tal-imputati fil-grad għoli rikjest mil-liġi.

14. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif jemerġu mill-provi inklużi dawk li fuqhom straħet l-Ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha u ċioè li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-prosekuzzjoni, iżda prova sa dan il-grad ma hix biżżejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali."

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**